**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Adam Al Kali Hasaballa**

**Illum 5 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Adam Al Kali Hasaballa** detentur tal-karta tal-identità 9001225A u akkuzat fl-4 ta' Mejju 2019 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé passaport tal-Italja, innumerat MD0024803 u maħruġ f'isem Youssif Abdul Mumuni u Permesso di Soggiorno, innumerat I11187070 u mahrug fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta' prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Ikkunsidrat:

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' fedina penali u l-istqarrija.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu nhar il-5 ta' Mejju 2019 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti taqbel mal-Ufficjal Prosekutur li, minkejja kollox, ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt illi l-Ligijiet tal-Immigrazzjoni ta' dan il- pajjiz

ġew miksura f'dan il-każ. L-anqas ma tista' tinsa' li dan it-tip ta' reati sar ħafna iktar komuni tant li sar fenomenu kostanti. U bir-rispett kollu, mhux aċċettabbli li persuni jkomplu jidħlu jew johorgu fit-territorju nazzjonali b'dokumenti foloz fejn jippruvaw iqarqu bl-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni tal-Istat Malti u dawk barranin.

Għalkemm mhux neċessarjament li huwa hekk f'dan il-każ, fil-prinċipju dawn ir-reati jistgħu jimminaw anke s-sigurta' tal-pajjiż. L-Istat Malti għandu jkollu interess qawwi li jkun jaf sewwasew l-identita' vera ta' min ikun dieħel fil-pajjiż u dan, kif ingħad aktar il-fuq, fost affarijiet oħra, ukoll għal raġunijiet ta' sigurta interna – b'mod partikolari fi żminijiet ta' taqlib, kunflitti u terroriżmu li diversi partijiet tad-dinja, inkluz dawk viċini għal Malta, jinsabu għaddejjin minnhom jew mhedda bihom.

L-esperjenzi ta' pajjiżi oħra (anke fl-Unjoni Ewropeja) li seħħew riċentement, għandhom jiftħu għajnejn kulħadd għar-riskji serji li tali fenomenu t'immigrazzjoni illegali b'dokumenti foloz jista' jġib miegħu għan-nies innoċenti.

Il-fatt li l-imputat ma ntlaqghetlux it-talba ghall-azil, ghandu jsir kull sfroz biex ikun ripratrijat lejn pajjizu.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux fejn jirrisjedi hawn Malta u li qed joqghod fit-toroq u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti qieset li l-imputat ikkopera mal-pulizija, ghandu fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61, Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija effettivi u theggeg lill-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni biex l-imputat ikun ripatrijat lejn pajjizu x'hin jiskona l-piena.**

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**